MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 326/2003

**Pater Finance Co. Ltd
Vs
Joseph Micallef u martu
Catherine Micallef**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u sitta u sebghin Lira Maltin (Lm576) rapprezentanti import ta' sitt (6) kambjali kollha ta' Lm96 (sitta u disghin lira Maltin) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Settembru 2002 sa Frar 2003 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 6 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Jannar 2003 jammontaw ghal Lm10 (ghaxar liri Maltin), oltre l-imghax ultejuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes,

inkluzi Lm6 (sitt liri Maltin) tal-konsult legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra in-nota ta' riduzzjoni prezentata fit-8 ta' April 2003 fejn il-bilanc gie ridott ghas-somma ta' tlieta u disghin Lira Maltin (Lm93).

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma kif ridotta ta' Lm93 (tlieta u disghin liri Maltin).

Bl-ispejjes skond il-ligi u bl-interessi .

--------------------------------TMIEM--------------------------------